27 ta' Frar, 1952.
Imħallef:
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.
Giuseppe Dalli *versus* Pauline Frendo

**"Barmaid" — Klawsola Penali — Nullità — Kummissarju tal-Pulizija — Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 392 ta' l-1929.**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tassoġġetta għall-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija l-kondizzjonijiet ta' l-impjeg ta' "barmaid", issemmi mhux il-kondizzjonijiet kollha ta' dak l-impjeg, imma biss dawk li jirrigwardaw is-salarju, l-alloġġ, il-mantenimeni, u l-ħinijiet tax-xogħol.*

*Jekk l-iskrittura ta' l-impjeg tal-"barmaid" issemmi biss is-salarju, l-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija hija meħtieġa għal dak li jirrigwarda s-salarju biss; u jekk dik l-approvazzjoni tkun ġiet ottenuta, l-iskrittura hija valida.*

*Għaldaqstant, jekk l-iskrittura jkun fiha wkoll stipulata l-klawsola penali, anki dik il-klawsola hija valida, ladarba hija valida l-obbligazzjoni prinċipali assunta bl-iskrittura.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur ippremetta li hu impjega miegħu bħala "barmaid" lill-konvenuta għal erba' xhur, bis-salarju ta' £14 fix-xahar, u dana skond skrittura privata ta' l-24 ta' April 1951, eżibita b'animu li tiġi ritirata bħala dok. 'A'; f'liema skrittura ġiet stipulata l-penali ta' £40 f'każ ta' inadempjenza; li hu kien silef lill-konvenuta s-somma ta' £77, li minnhom ħallset akkonti ammontanti għal £68, u għalhekk baqgħalu jieħu bilanċ ta' £9; li huwa ta lill-konvenuta b'titolu ta' self "brevi manu" s-somma ta' £1, li l-konvenuta għadha ma ħallsetx; u li l-konvenuta telqet mill-impjeg tiegħu mingħajr ġusta kawża, u kellu għalhekk jieħu ta' tlitt ijiem paga li huma kien ġa ħallasha, ammontanti għal £1. 8. 0; u prevja, okkorrendo, id-dikjaraz-

zjoni li l-konvenuta inkorriet fil-klawsola penali fuq imsemmija, talab li, premessa kwalunkwe neċessarja dikjarazzjoni u provvediment opportun, il-konvenuta tiġi kundannata tħallsu s-somma ta' £51. 8. 0, kwantu għal £9 bilanċ ta' £77 lilba mislufa, kwantu għal £1 mogħtija lill-konvenuta "brevi manu" b'titolu ta' self, kwantu għal £1. 8. 0 għal tlitt ijiem salarju li hi naqset taħdem miegħu, u kwantu għal £40 bħala penali skond l-iskrittura. Bl-imgħax kummerċjali u bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-mandat tas-sekwestru tad-29 ta' Ottubru 1951, kontra l-konvenuta, interpellata għas-subizzjoni;

Rat fol. 6 in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, li fiha din qalet illi t-talbiet ta' l-attur huma insostenibili (1) għaliex il-penali kontemplata fl-iskrittura tal-24 ta' April 1951 hija nulla, għaliex hija nulla l-obligazzjoni prinċipali li saret mingħajr approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija (Notifikazzjoni tal-Gvern 392 ta' l-1929, u sentenza "Dalli vs. Scerri", Kumm. 29. 11. 51); (2) għaliex.............;

Trattata l-kawża, ikkunsidrat;

Huwa xieraq, qabel xejn, kif del resto ssottomettew iddifensuri, illi tiġi deċiża l-ewwel il-kwistjoni jekk l-istipulazzjoni tal-klawsola penali hjiex nulla;

Skond ir-regolament 15 (d) tan-Notifikazzjoni tal-Gvern ċitata mill-konvenuta (Vol. VI, Ediz. Riv. p. 25), "the conditions of employment as regards wages, lodging, maintenance, and hours of work of barmaids, shall be subject to the approval of the Commissioner of Police":

Fl-iskrittura "de qua", fol. 4, hemm biss il-ftehim dwar l-impjeg b'tant salarju, u l-klawsola penali biex tiżgura l-eżekuzzjoni ta' l-obligazzjoni prinċipali;

Ir-regolament fuq ċitat isemmi, mhux il-kondizzjonijiet kollha, imma dawk biss dwar "wages, lodging, maintenance, and hours of work". F'dan il-każ, fl-iskrittura ma hemmx kondizzjonijiet dwar il-"lodging", jew il-"maintenance", jew l-"hours of work", imma biss dwar il-"wages";

Mela l-approvazzjoni tal-Kummissarju kienet f'dan il-każ meħtieġa biss għal dak li jirrigwarda l-"wages";

Mix-xhieda tas-Surġent tal-Pulizija Felice Testa, fol. 16, jirriżulta illi għal dak li jirrigwarda s-salarju kien hemm l-

approvazzjoni tal-Kummissarju per mezz tad-delegat tiegħu, is-Suprintendent Tabone;

Għalhekk l-obligazzjoni prinċipali f'dana l-każ kienet valida, għaliex kien hemm l-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija għall-impjeg tal-konvenuta b'tant salarju. Kwindi anki l-klawsola penali hija valida;

Il-każ ċitat mill-konvenuta fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħha, deċiż minn dina l-Qorti kif presjeduta, kien divers; għaliex mentri f'dan il-każ hemm l-obligazzjoni prinċipali ta' impjeg ta' "barmaid" b'tant salarju, debitament approvat mill-Kummissarju tal-Pulizija, fil-każ ċitat, inveċe, fl-iskrittura ma kienx jissemma salarju, u ma rriżultax li kien hemm l-approvazzjoni tal-Kummissarju; il-bażi tad-deċiżjoni kienet, għalhekk, l-oppost;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi l-pont preġudizzjali billi tiddikjara valida l-klawsola penali stipulata fl-iskrittura fol. 4;

Stante l-indoli tal-każ, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa; dritt tar-Reġistru a kariku tal-konvenuta;

Il-kawża tibqa' għall-20 ta' Marzu 1952, għall-kontinwazzjoni.